# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ — ĠUNJU

L-AKKADEMJA TAL-MALTI — 1965


# NGHOŻŻU 'L DIN L-ART HELWA

*Ftit ilu ngħaqdu ftit irġiel li jħobbu 'l art twelidhom u organizzaw soċjetà bil-fehma li tħares u tieħu ħsieb il-ġmiel u s-siwi ta' din il-Gżira tagħna.*

*L-isem ta' din il-għaqda ta' nies patrijotti hu "Din L-Art Ħelwa": dawk il-kelmiet tant sbieħ li jidhru fl-"Innu Malti", u tant għeżież għalina l-Membri tal-"Akkademja tal-Malti" għax dak l-Innu kien kitbu wieħed mill-Presidenti tagħna u mbagħad instama' l-ewwel darba f'kunċert li kienet organizzat il-"Għaqda" tagħna. Kien ħsieb sabiħ li jagħtu dan l-isem lil din ix-xirka l-ġdida, għax dan l-isem jiġbor fih l-iskop ewlieni tagħha.*

*Il-ħsieb ewlieni ta' "Din L-Art Ħelwa" hu li jikkoltivaw il-patrimonju storiku u artistiku ta' art twelidna. Pajjiżna mhux nieqes minn bini, monumenti, imkejjen u opri artistiċi li jagħmlulna ġieh u jgħolluna f'għajnejn il-barranin. Bis-saħħa ta' dawn l-opri Malta tagħna tieħu postha mal-pajjiżi ċivilizzati għax il-grad ta' ċivilizzazzjoni ta' pajjiż hu marbut mal-patrimonju nazzjonali tiegħu.*

*Għalhekk iċ-ċittadini huma fid-dmir li jibżgħu għal dak kollu li hu sabiħ imħolli minn dawk ta' qabilhom u jikkoltivawh u ma jħallux tiġrilu ħsara, jew jitmermer u jispiċċa fix-xejn. Dawk li jħobbu lil pajjiżhom għandhom jaraw li dak kollu li hu sabiħ f'arthom, dak li jagħmel ġieh lin-nazzjon, ma jiġrilux ħsara, anzi, biex ngħid hekk, għandhom joqogħdu għassa tiegħu.*

*Biex isir dan jeħtieġ li nifthu għajnejn il-poplu u infehmuh is-siwi tal-patrimonju nazzjonali, indarruh iħobb dawk l-opri sbieħ li bihom Alla l-imbierek sebbaħ u għana lil pajjiżna, jew li dawk ta' qabilna ħallewna biex jagħtu ġieh lil din il-Gżira. L-aqwa ħaġa hi li nedukaw lill-poplu jħobb lil pajjiżna billi jibża' għall-patrimonju nazzjonali. Dan ħadd ma jista' jagħmlu aħjar mill-"Akkademja tal-Malti" li l-Membri tagħha għandhom il-ħila u l-esperjenza biex ifasslu opinjoni pubblika u jħajru u jħeġġu n-nies u jimlewhom bi ħrara ta' mħabba u għożża għal dak kollu li hu sabiħ, li hu artistiku, li hu uniku f'din Malta tagħna.*